TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 237/14-F

**Mary Fava**

**vs**

**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 10 ta' Marzu, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 ta' Diċembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u disgħa w disgħin ewro (€799), rappreżentanti l-prezz ta' *fridge/freezer* li għandha problema ta' *condensation* li tirriżulta f'ilma fil-*fridge,* b'dan illi l-affarijiet li għandha fil-*fridge* jixxarbu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *fridge/freezer* tal-marka Liebherr u qed jirriżulta li qed ikun hemm ħafna *condensation* b'riżultat li l-affarijiet ta' ġol-*fridge* jixxarbu.

L-intimat issottometta illi l-ilma ġej b'riżultat ta' l-umdita', aktar u aktar li dan il-post qiegħed viċin il-baħar tant li meta ħaduha fil-fabrika tagħhom sabu li ma kienx hemm problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi mhix ġustifikazzjoni tgħid illi hemm ħafna umdita' għax qiegħed viċin il-baħar u li b'hekk qed ikun hemm il-*condensation.* Illi jekk dan hu l-każ, l-intimat huwa obbligat li javża lir-rikorrenti bil-konsegwenzi li jġarbu dawn it-tip ta' *fridges* fejn jiġu nstallati, pero' t-Tribunal mhuwiex konvint b'din il-ħaġa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti għandhom raġun, u qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), u b'dan illi l-*fridge/freezer* tiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888